MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 1997/1997/1

**Richard Fenech**

**Vs**

**Rook Construction Ltd,**
**Direttur Generali tax-Xoghlijiet,**
**Kummissarju tal-Pulizija,**
**Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l- provvedimenti opportuni;

Premess illi fl-20 ta' Ottubru 1996, kmieni filghodu, hdejn il-mini l-godda f'Tal-Qroqq, l-Imsida (ftit qabel id-dahla ghall-Universita`), l-attur, li kien qed isuq il-karrozza tieghu

tal-marka Mercedes, numru tar-registrazzjoni IAC - 356, fid-direzzjoni tal-By-Pass ta' Birkirkara, baqa' niezel gholi ta' zewg sulari ghal go sit eskavat u garrab hsarat konsiderevoli fil-vettura tieghu u danni ohra relatati;

Premess illi dan l-incident u d-danni konsegwenzjali relattivi gew kagunati minhabba li s-sit eskavat fuq imsemmi, fil-parti fejn waqa' l-attur, la kellu hitan jew ilqugh protettivi u lanqas ma kien mixghul skond il-ligi;

Premess illi l-konvenuti huma responsabbli, uhud direttament u whud indirettament, tan-negligenza grossolana u nuqqas ta' tharis u ksur tal-ligijiet u regolamenti li wasslu ghall-incident ikrah in kwistjoni (li seta' kkawza l-mewt ta' l-attur u tal-passiggiera li kienet riekba mieghu);

Premess illi l-konvenuti, ghalkemm interpellati ufficjalment biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni fuq riferiti, baqghu inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-incident u d-danni konsegwenzjali fuq riferiti graw unikament tort tan-negligenza grossolana u nuqqas ta' tharis u ksur tal-ligijiet u regolamenti da parti tal-konvenuti jew min minnhom;

2. Tillikwida, jekk hemm bzonn bl-opra ta' periti nominandi, id-danni kollha sofferti mill-attur bhala rizultat ta' l-imsemmi incident awtomobilistiku;

3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom biex ihallsu lill-attur is-somma hekk likwidata in linea ta' danni;

Bl-imghax legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Jannar 1997, kontra l-konvenuti;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta’ l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar li permezz taghha hija eccepiet:-

Illi l-istess Awtorita` la hi responsabbli ghall-incident in kwistjoni u lanqas ghall-bini u kostruzzjonijiet li saru;

Illi l-istess Awtorita` kienet responsabbli ghall-hrug tal-permess, li nhareg regolarment, kif ukoll bil-kundizzjoni “*saving third party civil rights*” u bil-kundizzjoni numru 1 (Dok. TD1 kopja tal-permess anness man-nota ta’ l-eccezzjonijiet) illi “*During construction the applicant is to publicise ……… alternative routes, as well as erect diversion signs accordingly.*”;

Illi l-istess responsabilita` tat-tharis tar-regolamenti tal-bini, sigurta` fuq ix-xoghol u sahha tal-kostruzzjoni, huma responsabilita` tas-sid, kuntrattur u perit ta’ l-istess zvilupp;

Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess Awtorita` konvenuta, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti man-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti Direttur Generali tax-Xoghlijiet u l-Kummissarju tal-Pulizija li fiha huma eccepew:-

1. Illi preliminarjament il-kawza intavolata mill-attur ma ghandha l-ebda effett kontra l-eccipjenti stante illi l-Avukat Generali ma giex notifikat bic-citazzjoni ai termini ta’ l-Artikolu 181 (B) (3) tal-Kodici ta’ Organizazzjoni u Procedura Civili;

2. Illi l-Kummissarju tal-Pulizija mhux legittimu kontraditur f’din il-kawza stante li huwa ma kkummissjona l-ebda xoghol lil terzi fl-inhawi fejn ssucceda l-incident u fi kwalunkwe kaz kien hemm sinjaletika adegwati li l-attur

ma rax ghaliex ma kienx qed izomm *proper look out* fil-hin ta' incident;

3. Illi kwantu ghall-konvenut Direttur Generali tax-Xoghlijiet huwa m'ghandu l-ebda relazzjoni guridika ma' l-attur stante li biex isiru x-xoghlijiet fl-aggwati ta' l-incident stradali meritu ta' din il-kawza huwa qabbad persuni ta' hila biex iwettquh;

4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante illi l-incident li sehh fl-20 ta' Ottubru 1996 kien kawzat unikament minnabba negligenza, traskuragni u inadempjenza mar-regolamenti tat-traffiku da parti ta' l-attur li ma hax il-prekawzjonijiet mehtiega u lanqas ma zamm *a proper look out*;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-imsemmija konvenuti u l-lista tax-xhieda minnhom indikati;

Rat illi s-socjeta` konvenuta Rook Construction Ltd ma pprezentatx in-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha u ghalhekk baqghet kontumaci;

Rat id-digriet ta' l-24 ta' Novembru 2000 li permezz tieghu giet dikjarata bhala valida n-notifika ta' l-avviz tas-smigh tal-kawza u tac-citazzjoni lis-socjeta` Rook Construction Ltd u ghalhekk giet michuda t-talba ta' l-istess socjeta` biex hija tipprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha;

Rat id-digriet tad-9 ta' Frar 2001 li permezz tieghu gew nominati bhala periti gudizzjarji AIC Godwin Abela u Dr. Mark Chetcuti biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni tal-periti gudizzjarji nominati li tinsab a fol. 287 *et sequitur* tal-process u li giet minnhom debitament konfermata fl-udjenza tal-21 ta’ Jannar 2003;

Semghet it-trattazzjoni maghmula mill-avukati Dr. Louis Vella u Dr. Adrian Delia fl-udjenza tas-16 ta’ Mejju 2003;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

L-incident meritu ta’ din l-istanza, kif jemergi mill-provi u r-ritratti esebiti seta’ kellu certament konsegwenzi aktar fatali minn dawk tas-semplici danni, anke jekk ingenti, tal-vettura misjuqa mill-attur. Dan jaskrivi l-htija ta’ dak li ssuccedielu ghal fatt tan-nuqqas ta’ sikurezza minhabba assenza ta’ lqugh protettiv u illuminazzjoni adegwata fil-perkors tat-triq li minnha kien ghaddej;

Fl-affidavit tieghu (fol. 26) jghid li dakinhar ta’ l-incident (20 ta’ Ottubru 1996) kien ser iwassal lill-gharusa d-dar fil-hamsa ta’ filghodu wara “*the usual night out* mal-hbieb” (fol. 125) fejn anke kkonsuma xi xorb alkoholiku. Huwa jaggungi li t-triq kienet mudlama, sab ruhu konfrontat minn kurvatura qawwija, inhasad, applika l-*brakes*, dawwar l-i*steering* lejn ix-xellug, u bil-parti ta’ wara tal-vettura tat-tip “Mercedes”, laqat cint baxx, il-*car* zbilancjat u baqa’ niezel f’ fondoq skavat gholi tliet sulari cirka. Huwa jistqarr ukoll illi kien tiela t-telgha fuq il-*fourth gear* bi *speed* ta’ bejn 25 u 30 kilometru fis-siegha (fol. 125); f’ seduta sussegwenti jikkorregi ruhu u jghid li kien probabbli fuq is-*second* jew *third gear* ghaddej b’ xi 25 jew 30 mil fis-siegha (fol. 126);

Il-provi ta’ x’ gara fl-incident huma limitati ghal versjoni ta’ l-attur u dik tat-tfajla tieghu Natasha Mohnani (fol. 29) li, filwaqt li kkorroborat ix-xhieda ta’ l-attur ghal fatt tad-dlam u nuqqas ta’ senjaletika, sostniet li l-velocita` tal-*car* f’ dak

il-mument kienet mhux aktar minn 30 kilometru fis-siegha. Ta' min jinnota illi din ix-xhud ma ghazlitx li tikkorregi din il-parti tar-rakkont taghha;

Rigwardata *ut sic*, anke izolatament mill-kumplament tal-provi, jidher li l-kawza sostanzjali ta' l-incident hi attribwita ghall-velocita` eccessiva ta' aktar minn 30 mil fis-siegha da parte ta' l-attur u n-nuqqas tieghu tad-dovuta kawtela. Hekk ikkonkludew il-periti gudizzjarji fir-relazzjoni taghhom;

Jinsab ben akkolt fil-gurisprudenza taghna illi "hu obbligu ta' kull *driver* li jirregola s-sewqan skond il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, il-piz tal-vejikolu, l-istat ta' l-art, u rapporti ohra kontingenti; u hu anki dmir ta' *driver* li jzomm dik li komunement tissejjah '*a reasonable careful look-out*', liema dmir igib mieghu li d-*driver* jara dak li jkun ragjonevolment vizibbli" – "**Giuseppa Debono –vs- Philip Camilleri *et***", Appell Civili, 23 ta' Frar 1962 (Vol. XLVI P I p 112);

Issokta mbaghad jigi amplifikat, bl-ghajnuna tal-hsieb traccjat mill-opra "<u>La Responsabilita` della Circolazione Stradale</u>", Cigolini, Ed. 1955, pagna 227, illi, "*nelle ore notturne e` necessaria una particolare prudenza nel regolare la velocita` perche` la visibilita` e` limitatissima e soggetta ad errori ed equivoci e si corre il rischio di trovarsi improvvisamente di fronte ad ostacoli*" – "**Francesco Mifsud *et* –vs- Ivan Cortis**", Appell Civili, 20 ta' Marzu 1967 (Vol. LI P I p 210);

Apparti l-inferenzi li jingibdu mill-fatti nfushom, kif ukoll relatati mill-periti gudizzjarji, din il-Qorti taghmel ukoll dawn il-kostatazzjonijiet agguntivi:

I. Indiskutibilment l-attur ikkontribbwixxa mhux ftit ghal predikament li sab ruhu fih. Sostanzjalment, il-Qorti ssib, u anki hi konvinta, illi l-attur sab ruhu f' sitwazzjoni daqstant ta' ermergenza tort tas-sewqan eccessiv u nuqqas ta' *proper look out*;

II. Il-kurvatura, li fi kliem l-Ispettur Stephen Gatt (fol. 61) ma kinitx qawwija, ma kinitx tali li timpedixxi lil sewwieq prudenti u attent li jirrealizza f' hin utili u tempestivament b' dak li ghandu quddiemu biex jevita s-sinistru u l-impatt mac-cinta. Jidher car illi minhabba l-istess velocita` fis-sewqan tieghu, il-vettura ma kinitx taht il-kontroll shih ta' l-attur b'mod li kien jippermettilu jirrallenta u jew jarresta l-istess vettura;

III. In-nuqqas ta' attenzjoni li pprovokat ir-rejazzjoni u l-azzjoni evaziva bruska hi ben evidenti u l-mod ta' kif sehh l-impatt mac-cinta hu indikattiv hafna ta' sewqan b'velocita` eccessiva. Dan anke indipendentement minn dawk il-fatturi tal-ghejja u l-konsum tax-xorb alkoholiku senjalati mill-periti gudizzarji;

Dan premess, l-istess periti gudizzjarji mbaghad issoktaw jirrelataw illi "dan l-incident ma kienx ikun daqshekk gravi jekk il-hitan li kienu max-xifer tat-triq kienu tali li jipprotegu adegwatament l-utenti tat-triq";

Fir-rigward il-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija (Kapitolu 10) jipprovdi f'numru ta' disposizzjonijiet ir-regoli li jridu jigu segwiti meta jkun qed isir bini ghal dak li hu ripar u illuminazzjoni. Hu mistenni li dawn ir-regoli jigu ottemperati minn kulhadd anke ghaliex joffru mizuri addattati biex tithares l-inkolumita` tal-persuni. B' dover jinkombi fuq kulhadd li josservahom, kompriz bi dmir ezemplari fi grad aktar gholi mill-awtorita` pubblika kompetenti li jibqala' dejjem id-dover li tassikura f'kull mument l-osservanzi taghhom, anke meta x-xoghol ikun qed jigi esegwit minn kuntratturi mqabbdin minnha;

Fil-kaz in ezami nsibu li s-socjeta` konvenuta kontumaci Rook Construction Limited kienet giet assenjata mid-Dipartiment tat-Toroq il-progett tal-bini tal-*flyovers* ta' Tal-Qroqq. Bhala kuntrattur din is-socjeta` assumiet b' obbligu skond it-termini ta' l-istess *tender* u l-*general conditions of Contract* (para. 3.10 u 3.11 a fol. 171 u 172) illi tpoggi *protective barriers* u sinjali jew tabelli tat-traffiku

biex jidderiegu l-vetturi li jghaddu mit-toroq f'dik il-lokalita`. Ara affidavit ta' l-Arkitett Lino Zammit, Direttur tat-Toroq, a fol. 34 tal-process;

Jirrizulta kemm minn dan ix-xhud kif ukoll mix-xhieda tal-Perit Mario Formosa (fol. 131) illi l-kuntrattur imsemmi kien inkariga kumpanija specjalizzata Ericsson Limited biex din tassikura adempiment ghal dak li hu *traffic management* u senjaletika;

Mistoqsi dwar x' tip ta' supervizjoni sar mid-Dipartiment tieghu biex jigi assikurat ottemperament mal-kondizzjonijiet kontrattwali l-Perit Lino Zammit (fol. 134) jghid li d-dipartiment ghandu nies professjonali mharrga f'progetti ta' dan it-tip u li kienu ttiehdu inizzjattivi bhal senjaletika, *road bumps* jew *sleeping policemen* biex jikkontrollaw l-i*speed* tat-traffiku;

Issa bhala fatt gie accertat illi fejn waqghet il-*car* ta' l-attur kienet art privata skavata minn terzi. Ghal dak li ghandu konnessjoni diretta mal-progett tal-*flyovers* u n-*network* ta' toroq li jaghtu ghall-istess *flyover* intqal li mal-konfini tieghu kien hemm hajt format minn *precast blocks*. Invece fejn kien hemm l-art skavata kien hemm fid-data ta' l-incident "speci ta' cint ossija ringiela ta' cnagen mpoggija fuq xulxin u bla tikhil" (ara Affidavit ta' Roger Testa a fol. 63);

L-istess Roger Testa jissokta jistqarr (fol. 130) illi fejn gara l-incident ma kienx hemm dawl artificjali u lanqas fanali fuq ic-cinta l-baxxa quddiem il-punt ta' l-iskavar, u lanqas fuq jew matul l-*approach road;*

Konfrontati b'dawn il-fatti, il-periti gudizzjarji jattribwixxu responsabilita` wkoll kemm lis-socjeta` konvenuta appaltatrici kif ukoll lid-Direttur Generali tax-Xoghlijiet. L-assunt taghhom hu mpernjat fuq dawn il-konsiderazzjonijiet:

(i) fir-rigward tas-socjeta` Rook Construction il-htija giet addebitata lilha ghall-fatt illi din naqset li tipprovdi senjalazzjoni adegwata fid-dintorni ta' fejn kien qed isir il-progett u hekk ukoll naqset li tattira l-attenzjoni ghall-fatt illi fuq il-fruntiera ta' l-istess progett kien hemm perikolu potenzjali minhabba s-sit skavat f'kantuniera;

(ii) kwantu ghad-Direttur Generali tax-Xoghlijiet talli dan naqas isegwi u jissorvelja kif suppost, permezz tad-Dipartiment tat-Toroq, il-fatt li fil-vicinanzi tal-progett u proprju minn fejn gie devjat it-traffiku ma kienx hemm ripar adegwat u sikur ghall-utenti tat-toroq;

Huwa ovvju minn dak indott mill-provi u mill-kummenti tal-periti gudizzjarji illi n-nuqqas ta' ottemperanza mat-termini tal-kuntratt u n-nuqqas ta' sorveljanza ghandhom jitqiesu, fic-cirkostanzi maghrufa, nuqqas ta' diligenza ordinarja mistennija minn *bonus paterfamilias*;

Il-fatt li ttiehdu certi mizuri kif ukoll il-fatt illi kien kompitu ta' terzi sidien ta' l-art skavata li jipprovdu ghall-ilqugh sodisfacenti ma jezonerawx mir-responsabilita`, jekk min kien fid-dmir li jassikura li jkun hemm harsien komplet naqas li jaghmel dan. Jista' jinghad li l-inosservanza tal-precitati konvenuti tikkonsisti f'dak l-att jew ommissjoni li jikkostitwixxi ksur ta' dmir impost mil-ligi (Artikolu 1033 tal-Kodici Civili). L-osservazzjoni tax-xhud Perit Lino Zammit (fol. 134) illi ghax ma sarux incidenti qabel ghandu jfisser li t-*traffic management* implementat kien effettiv ma hi ta' l-ebda soljiev. Dan aktar u aktar meta mill-kontingenzi rizultanti mill-atti processwali kellu jkun car u prevedibbli illi incident bhal dak li sehh la kien remot u lanqas improbabbli;

Lanqas ma jista' imbaghad jigi accettat illi l-konvenuti ghandhom jigu eskulpati ghas-semplici fatt li jaddebitaw htija fuq it-terz, li huma ghogobhom ma jsejhux fil-kawza;

Kif inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Victor Camilleri *proprio et nomine et* –vs- Nazzareno Cutajar *et***", Appell Civili, 9 ta' Dicembru 1968, "fl-assenza mill-kawza tat-terz

mhux maghruf hu car fil-fehma tal-Qorti illi mhux possibbli li tigi stabbilita, b'ebda mod vinkolanti jew sigur, il-parti tar-responsabilita` tieghu, jekk kien hemm, u ghandu jkun applikat l-Artikolu 1093 (illum Artikolu 1050) tal-Kodici Civili. Jekk il-konvenut ma setax sejjah lil dan it-terz fil-kawza ghax ma jafux, m' hu ebda tort ta' l-atturi u, fil-fehma tal-Qorti, jekk xi hadd ghandu jbati minn dan il-fatt, jidher wisq aktar gust li jbati l-konvenut li kellu zgur parti mill-htija, milli l-atturi li qed jitolbu r-riparazzjoni ghat-telf soffert minnhom ...";

Bl-istess mod u fl-istess sens gie ritenut fid-decizjoni "**Anthony Fenech *nomine* –vs- Paul Gauci**", Prim' Awla, Qorti Civili, 21 ta' Frar 1994:

"Il-konvenut ma jista' jaddebita l-ebda htija fuq terz meta jonqos li jsejjah lil tali persuna fil-kawza. Id-difiza tat-terz injot mhix sostenibbli ghaliex il-kawza hija bejn il-kontendenti u l-ebda parti mit-tort ma tista' tigi addebitata lil xi hadd li ma hux fil-kawza."

Dan stabbilit, il-periti gudizzjarji attribwew fil-gudizzju taghhom il-htija kwantu ghan-nofs fuq l-attur u n-nofs l-iehor *in solidum* bejn l-imsemmija zewg konvenuti, ossija s-socjeta` Rook Construction Limited u d-Direttur Generali tax-Xoghlijiet;

Fil-fehma tal-Qorti l-ezercizzju tad-diskrezzjoni tal-periti gudizzjarji gie minnhom sew kondott. Dan anke ghaliex hu ezercizzju fondat fil-ligi. In fatti l-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili jiddisponi testwalment dan:-

"Jekk il-parti li tbati l-hsara tkun b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza jew ta' hsieb ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara, il-qorti, fil-likwidazzjoni ta' l-ammont tad-danni li ghandhom jithallsu lil dik il-parti, tiddecidi, fid-diskrezzjoni taghha, f' liema proporzjon din tkun ikkontribwiet jew tat okkazjoni ghall-hsara li batiet, u l-ammont tad-danni li ghandu jithallas lilha mill-persuni l-ohra li jkunu dolozament jew bla ma riedu kkontribwew ghal dik il-hsara, jigi mnaqqas f'dik il-proporzjoni."

Inghad a propozitu fid-decizjoni fl-ismijiet "**Joseph Galdes –vs- Victor Micallef**", Appell Civili, 20 ta' Jannar 1964 (Vol. XLVIII P I p 59), "vouldiri, huwa mholli dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti, meta hemm htija kontributorja da parte tad-danneggjat, li tistabilixxi l-proporzjon li fiha hu kkontribwixxa ghal jew ikkaguna l-hsara li garrab sew jekk id-danneggjanti jkunu kkagunaw id-danni b'semplici kolpa jew anki b'dolo, minghajr ebda regola prestabilita mil-ligi stess li tistabbilixxi l-proporzjon ghal nofs jew frazzjoni ohra. Kollox f'kull kaz jiddependi mic-cirkostanzi partikolari tieghu. B'dana kollu, s'intendi, tibqa' valida bhala massima prattika ta' bon sens dik li din il-qorti applikat diversi drabi f'kawzi ta' dannu, fis-sens illi '*it is a sound rule that when the case is such that the blame cannot with any certainty be apportioned, the liability should be apportioned* equally'.";

Ghal dak li hu kwantum tad-danni Philip Zammit, *motor vehicle surveyor*, jafferma illi biex tissewwa l-vettura tirrikjedi spiza ta' hamest elef mitejn u hamsa u disghin lira Maltija (Lm5295). Ara affidavit tieghu a fol. 79;

L-attur (fol. 126) jghid li hu xtara l-*car* bil-prezz ta' erbatax-il elf u hames mitt lira (Lm14,500) u bieghha fl-istat li kienet wara l-incident bil-prezz ta' tmien mitt lira (Lm800). Il-precitat *surveyor* ghalkemm jaccetta li ma jafx f' liema kondizzjoni kienet qabel l-incident, jikkonferma illi din kienet tiswa aktar mill-hsara li ssubbiet, u ghalhekk "kienet vettura ekonomikament vijabbli li tissewwa" (fol. 128);

In vista tan-nuqqas ta' kjarezza dwar it-*pre-accident value* tal-vettura, u billi d-danneggjat ghandu dritt jikkonsegwixxi rizarciment li kapaci tirrientregah mill-konsegwenza ekonomika ta' l-event dannuz, jidher li fic-cirkostanzi kienu gustifikati l-periti gudizzjarji japplikaw *ex aequo et bono* bhala valur reali approssimattiv tad-danni l-ammont determinat mis-*surveyor* ghar-riparazzjoni tal-vettura, arrotondat ghal hamest elef u tliet mitt lira Maltija (Lm5300);

Minn dan kollu premess u ezaminat din il-Qorti qed tadopera l-perizja, anke fejn din illiberat minn kull addebitu ta' kolpa ghall-akkadut lill-konvenuti Kummissarju tal-Pulizija u c-Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar. Billi qed taghmel taghha r-rapport peritali qed takkolji wkoll u tadotta r-ragjonamenti fl-istess rapport mahsub in aggunta ma' l-ispunti kjarifikatorji ta' fatt u ta' dritt superjorment esposti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi fl-ewwel lok tiddikjara li l-incident li sehh fl-20 ta' Ottubru 1996 hdejn tal-Qroqq, l-Imsida, sehh bi htija kontributorja ta' l-istess attur kwantu ghal hamsin fil-mija (50%) tieghu kif ukoll bi htija tal-konvenuti Rook Construction Limited u d-Direttur Generali tax-Xoghlijiet solidalment bejniethom kwantu ghar-rimanenti hamsin fil-mija (50%) tar-responsabilta` u tad-danni;

Tilqa' t-tieni domanda billi tillikwida d-danni fl-ammont komplessiv ta' hamest elef u tliet mitt lira Maltija (Lm5300);

Konsegwentement u in bazi ghall-konsiderazzjonijiet fuq maghmula tikkundanna lill-precitati konvenuti Rook Construction Limited u d-Direttur Generali tax-Xoghlijiet ihallsu lill-attur *in solidum* bejniethom is-somma ta' elfejn sitt mija u hamsin lira Maltija (Lm2650), rapprezentanti n-nofs tar-responsabilita` u tad-danni, bl-interessi dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza;

Il-konvenuti l-ohra Kummissjarju tal-Pulizija u c-Chairman ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar qed jigu liberati mill-osservanza ta' dan il-gudizzju.

L-ispejjez kollha tal-kawza ghandhom jigu sopportati kwantu ghal nofs mill-attur u n-nofs l-iehor mill-konvenuti Rook Construction Limited u d-Direttur Generali tax-Xoghlijiet solidalment bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------